

32003R1205

5.7.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 168/13

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1205/2003****ta' l-4 ta' Lulju 2003**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 fir-rigward tad-deskrizzjoni, tismija, prezantazzjoni u l-protezzjoni ta' ċertu prodotti tas-settut ta' l-ġħeneb**

**IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2003<sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 80(b) ta' dan,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002<sup>(3)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2086/2002<sup>(4)</sup>, jistabbilixxi l-1 ta' Awissu 2003 bħala d-data li minnha għandha japplika sabiex l-operaturi ekonomiċi fis-settut ta' l-inbid u l-awtoritajiet nazzjonali konċernati jitħal-lilhom żmien biżżejjed biex jippreparaw għar-regoli ġodda ta' tikkettar stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 jiprovdji għall-perjodu transitorju sal-1 ta' Awissu 2003 li matulu l-operaturi ekonomiċi jistgħu jkomplu jużaw tikketti u materjal ta' ippakkjar minn qabel li juru partikolaritajiet li kienu stampati skond id-dispożizzjonijiet applikabbli meta kienu mqegħda fiċ-ċirkolazzjoni iżċi li ma humiex aktar konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 753/2002.
- (3) Wara diskussionijiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali konċernati u bejn dawk l-awtoritajiet u l-kummerċ, huwa meħtieġ li jittawwal il-perjodu transitorju sa l-1 ta' Frar

2004 sabiex l-operaturi ekonomiċi jitħallew jużaw tikketti u materjal ta' ippakkjar minn qabel li jħares id-dispożizzjonijiet preċedenti.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 għandu jiġi emendat skond ma ntqal hawn fuq.
- (5) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:****L-Artikolu 1**

Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 huwa b'dan emendat kif ġej:

It-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 47(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

“Tikketti u materjal ta' ippakkjar minn qabel li juru partikolaritajiet li kienu stampati skond id-dispożizzjonijiet applikabbli sad-data li jiġi fis-seħħ dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jiġu wżati sa l-1 ta' Frar 2004.”

**L-Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Lulju 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

(<sup>1</sup>) ĠU L 179, 14.7.99, p. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU L 122, 16.5.3, p. 1.

(<sup>3</sup>) ĠU L 118, 4.5.2, p. 1.

(<sup>4</sup>) ĠU L 321, 26.11.2, p. 8.